**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI GĦALL-ISTANDARDS FIL-ĦAJJA PUBBLIKA**

**LAQGĦA NRU 15**

**Il-Ġimgħa, 30 ta' Mejju 2025**

Il-Kumitat Permanenti għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika ltaqa' fil-Kamra tal-Kumitati fil-binja tal-Parlament, il-Belt Valletta, fis-1.05 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, ippreseda.

**PREŻENTI**

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, l-Onor. Jonathan Attard, is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, l-Onor. Ryan Callus u l-Onor. Mark Anthony Sammut.

**MINUTI**

Il-Minuti tal-laqgħa 14 tas-6 ta' Mejju 2025 kienu approvati.

Kif maqbul fil-laqgħa preċedenti l-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, il-Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi, ġie mistieden jingħaqad mal-membri madwar il-mejda tal-Kumitat sabiex iwieġeb xi mistoqsijiet li jista' jkollhom il-Membri il-Kummissarju.

**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI MILL-KUMMISSARJU GĦALL-ISTANDARDS FIL-ĦAJJA PUBBLIKA (KAŻ K/069) – KONT.**

Il-Kumitat kompla l-konsiderazzjoni tiegħu mil-laqgħa tas-6 ta' Mejju 2025 tar-rapport tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika bir-referenza K/069 datat 24 ta' Marzu 2025 dwar *Użu ta' riżorsi pubbliċi għall-finijiet ta' pubbliċità personali*, f'liema laqgħa l-Kumitat kien qabel dwar il-pubblikazzjoni tal-imsemmi rapport.

Il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika wieġeb għall-mistoqsijiet tal-membri tal-Kumitat dwar dan ir-rapport.

**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI MILL-KUMMISSARJU GĦALL-ISTANDARDS FIL-ĦAJJA PUBBLIKA (KAŻ K/067) – KONT.**

Il-Kumitat kompla l-konsiderazzjoni tiegħu mil-laqgħa tas-6 ta' Mejju 2025 tar-rapport tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika bir-referenza K/067 datat 11 ta' April 2025 dwar *Użu ta' riżorsi pubbliċi għall-finijiet ta' pubbliċità personali*, f'liema laqgħa l-Kumitat kien qabel dwar il-pubblikazzjoni tal-imsemmi rapport.

Il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika wieġeb għall-mistoqsijiet tal-membri tal-Kumitat dwar dan ir-rapport.

**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI MILL-KUMMISSARJU GĦALL-ISTANDARDS FIL-ĦAJJA PUBBLIKA (KAŻ K/072) – KONT.**

Il-Kumitat kompla l-konsiderazzjoni tiegħu mil-laqgħa tas-6 ta' Mejju 2025 tar-rapport tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika bir-referenza K/072 datat 21 ta' April 2025 dwar *Għemil ta' dikjarazzjonijiet mhux veritieri dwar il-konċessjoni tal-Forti Chambray*, f'liema laqgħa l-Kumitat kien qabel dwar il-pubblikazzjoni tal-imsemmi rapport.

Il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika wieġeb għall-mistoqsijiet tal-membri tal-Kumitat dwar dan ir-rapport.

Il-Kumitat qabel li t-traskrizzjoni tal-laqgħa tiġi ċirkolata lill-Membri qabel il-laqgħa li jmiss.

Fis-1.52 p.m. il-Kumitat aġġorna għal data li tiġi komunikata aktar tard.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**